Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

**Nru. 493** **JANNAR 2018**

# *Immigranti u rifuġjati: irġiel u nisa li qed ifittxu l-paċi*

Silta mill-MESSAĠĠ TAL-QDUSIJA TIEGĦU L-PAPA **FRANĠISKU**

IL-**51 JUM DINJI TAL-PAĊI** (1 TA' JANNAR 2018)

1. *Awgurju ta' paċi*

Paċi lill-bnedmin kollha u lill-ġnus kollha tal-art! Il-paċi, li l-anġli ħabbru lir-ragħajja fil-lejl tal-Milied hi xewqa profonda tal-bnedmin kollha u tal-ġnus kollha, fuq kollox ta' dawk li l-aktar qed ibatu n-nuqqas tagħha. Fost dawn, li nġorr fil-ħsibijiet u t-talb tiegħi, nixtieq għal darb'oħra nfakkar 'il fuq minn 250 miljun immigrant fid-dinja, li minnhom 22 miljun u nofs huma rifuġjati. Dawn tal-aħħar, kif afferma l-predeċessur maħbub tiegħi Benedittu XVI, "huma rġiel u nisa, tfal, żgħażagħ u anzjani li qed ifittxu post fejn jgħixu fil-paċi". Biex isibuh, ħafna minnhom huma disposti jirriskjaw ħajjithom fi vjaġġ li fil-parti l-kbira tal-każi hu twil u perikuluż, jgħaddihom minn taħbit u tbatijiet, jaffrontaw *barbed wire* u ħitan imtellgħin biex iżommuhom imbiegħda mid-destinazzjoni tagħhom.

Bi spirtu ta' ħniena, inħaddnu magħna lil dawk kollha li qed jaħarbu mill-gwerra u mill-ġuħ jew huma mġiegħla jħallu artijiethom minħabba f'diskriminazzjonijiet, persekuzzjonijiet, faqar u taħsir ambjentali.

Aħna nafu li mhux biżżejjed li nifthu qlubna għat-tbatijiet tal-oħrajn. Irid isir wisq aktar qabel ma ħutna jistgħu jerġgħu lura jgħixu fil-paċi f'dar żgura. Li nilqgħu lill-oħrajn jitlob minna impenn konkret, katina ta' għajnuniet u ta' għemejjel ta' tjieba, attenzjoni li tishar u tifhem, it-trattament responsabbli ta' sitwazzjonijiet ġodda kumplessi li, xi drabi, jiżdiedu ma' għadd ta' problemi oħra li diġà jeżistu, kif ukoll tar-riżorsi dejjem limitati...(http://www.laikos.org/Fr1_Messagg-Jum-Paci-2018_13112017.htm)

---

## *OTTAVA TA' TALB GĦALL-GĦAQDA TAL-INSARA*

*18-25 ta' Jannar 2018*

***"Lemintek, Mulej, issebbħet fil-qawwa" (Eż 15,6)***

**Servizz Ekumeniku**

**L-Erbgħa 24 ta' Jannar**

**Knisja tal-Kunċizzjoni il-Qala**

**6.00pm**

**Animazzjoni u Akkoljenza mil-Leġjunari tal-Qala**

*Inħeġġu l-membri tal-Għaqdiet biex jipparteċipaw.*

---

**It-12 Anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-E.T.Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex**

It-Tnejn, 22 ta' Jannar

Nawgurawlu u nitolbu għalih.

## KONFERENZA DJOĊESANA DWAR IL-FAMILJA

Il-Kummissjoni Djoċesana Familja qed torganizza Konferenza Djoċesana bis-suġġett:

***"Iż-Żgħażagħ, ix-Xogħol, id-Droga X'nista' nagħmel?".***

**Data**: Is-Sibt, 20 ta' Jannar 2018

**Post:** Sala Villa Fiorita (Limiti ta' Marsalforn)

**Ħin:** 5.00-8.00pm

**Kelliem: Dr Charlie Azzopardi, *Family Therapist.***

Kulħadd huwa mistieden. Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal.

---

Nixtiequ nagħtu l-Awguri tagħna għas-sena ġdida 2018 lil dawk kollha li jieħdu ħsieb iqassmu, jaqraw u jwettqu dak li din in-"NEWSHEET" tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi twasslilhom u lil dawk kollha responsabbli u membri tal-Għaqdiet, Movimenti u Gruppi ekkleżjali, kif ukoll xandara tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali li biha jinqdew biex iwasslu dan il-materjal li jsibu fiha għall-informazzjoni u formazzjoni tas-semmiegħa u qarrejja tagħhom minn xahar għal xahar matul din is-sena 2018.

***NIXTIEQU S-SENA T-TAJBA 2018 LIL KULĦADD!***

# JANNAR 2018 ¦ KALENDARJU PASTORALI ¦ Numru 493

| | |
|---|---|
| **1.It-Tnejn** | **Solennità tal-Imqaddsa Omm Alla Marija (Pontifikal fil-Katidral).**<br>**Il-51 Jum il-Paċi. / Ġabra fil-knejjes għad-Dar tal-Providenza.** |
| **2.It-Tlieta** | San Bażilju l-Kbir u San Girgor Nazjanzenu, Isqfijiet u Dutturi tal-Knisja. Tifkira (O). |
| **3.L-Erbgħa** | L-Isem Mqaddes ta' Ġesù. Tifkira. / Festin għat-tfal AK Xagħra (9.00 -11.00am). |
| **4.Il-Ħamis** | Santa Eliżabetta Ann Seton. Tifkira. |
| **5.Il-Ġimgħa** | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. / Hike għall-Adoloxxenti tal-A.K. Quddiesa għall-Professjonisti (Knisja ta' Santu Wistin - 8.00pm).<br>Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Ġwann Pawlu II Victoria.). |
| **6.Is-Sibt** | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Parroċċa tal-Għasri - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **7.Il-Ħadd** | **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej** (Pontifikal fil-Katidral). Jitħabbru l-Festi li jimxu mal-Għid. / Films għall-familja kollha (Oratorju Don Bosco - 5.30pm). |
| **8.It-Tnejn** | **Il-Magħmudija tal-Mulej. Festa.** / Jum is-Sant'Infanzja (*Children Helping Children*).<br>Jitfħu l-Applikazzjoni għal Kinder 1 fl-iskejjel tal-Knisja. |
| **9.It-Tlieta** | Laqgħa għall-Għalliema tal-Yr.4 (SF). |
| **10.L-Erbgħa** | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani.<br>Laqgħa Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II - 7.30pm). |
| **11.Il-Ħamis** | Laqgħa għalliema Yr.5 (SF).<br>Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja (Dar san Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| **12.Il-Ġimgħa** | Beatu Pierre-François Jamet, Saċerdot. Tifkira. |
| **13.Is-Sibt** | San Ilarju, Isqof u duttur tal-Knisja. Tifkira.<br>Laqgħa għas-saċerdoti. Bdil tal-Awguri tas-Sena l-Ġdida (Seminarju - 9.00am).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet, ix-Xewkija - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **14.Il-Ħadd** | **It-Tieni Ħadd tas-Sena B. / Jum l-Emigranti u r- Refuġjati.**<br>Films għall-familja kollha (Oratorju Don Bosco - 5.30pm). |
| **15.It-Tnejn** | San Makarju l-Kbir, Eremita. Tifkira. |
| **16. It-Tlieta** | Laqgħa Għalliema Yr.6 (SF). |
| **17.L-Erbgħa** | Sant' Anton Abbati. Tifkira (O). |
| **18.Il-Ħamis** | Santa Margerita tal-Ungerija, Verġni. Tifkira.<br>**Bidu tat-49 Ġimgħa ta' talb għall-għaqda fost l-Insara.** |
| **19.Il-Ġimgħa** | Laqgħa għall-Persuni Separati ( KDF Istitut tal-Familja Ġwanni Pawl II ). |
| **20.Is-Sibt** | San Fabjan Papa u San Bastjan, Martri. Tifkira.<br>Konferenza Djoċesana dwar il-Familja: "Iż-żgħażagħ, ix-xogħol, id-droga. X'nista' nagħmel?" (Villa Fiorita - 5.00pm) / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl) |
| **21.Il-Ħadd** | **It-Tielet Ħadd tas-sena B.**<br>Festa ta' Sant'Anton Abbati u tberik tal-animali u pets mill-Isqof Mario Grech. (Knisja ta' Sant'Anton, Xagħra - 4.45pm). / Films għall-familja kollha (Oratorju Don Bosco - 5.30pm). |
| **22.It-Tnejn** | San Publju Prinċep ta' Malta. Tifkira (O).<br>**It-12 Anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-E.T.Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, Quddiesa ta' Radd il-Ħajr** (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb-6.00pm). |
| **23.It-Tlieta** | Santa Marianne ta' Molokai. Tifkira. |
| **24.L-Erbgħa** | San Franġisk ta' Sales, Isqof u duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Quddiesa għall-operaturi fil-midja (Sorijiet Franġiskani, ir-Rabat fil-5.00pm). / KKSK (SF).<br>Servizz Ekumeniku mmexxi mil-Leġjun ta' Marija (Knisja tal-Kunċizzjoni, il-Qala - 6.00pm). |
| **25.Il-Ħamis** | Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl. Festa.<br>Secondary School Experience – Open Day.<br>Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja (Dar san Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| **26.Il-Ġimgħa** | San Titu u San Timotju , Isqfijiet. Tifkira. |
| **27.Is-Sibt** | Sant'Anġela Meriċi, Verġni. Tifkira.<br>Laqgħa għad-Diretturi Spiritwali tal-Leġjun ta' Marija / Adorazzjoni għall-Qdusija tal-Persuni Ikkonsagrati fil-Parroċċa tal-Qala, mis-6.00pm-8.00pm.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Kappella tal-Oratorju Don Bosco, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl) |
| **28.Il-Ħadd** | **Ir-Raba' Ħadd tas-Sena B.**<br>Festa tal-Konversjoni ta' San Pawl (Knisja ta' San Pawl, Marsalforn).<br>Il-65 Jum il-Morda bil-Lebbra (Jum il-Ħansenjani). / Jum iċ-Ċentru Parrokkjali. |
| **29.It-Tnejn** | Beata Boleslava Lament, Reliġjuża. Tifkira. |
| **30.It-Tlieta** | Santa Savina ta' Milan, Martri. Tifkira. |
| **31.L-Erbgħa.** | San Ġwann Bosco, Presbiteru. Tifkira (O). |